**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 118/2022**

**Il-PULIZIJA**
**(Spettur Elliot Magro)**

**-Vs-**

**JAMES ABELA**

**Illum, 10 ta' Mejju 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **JAMES ABELA** iben Paul u Maria Sonia Aquilina, residenti fil-fond bin-numru 0116496M, akkużat talli nhar it-22 ta' Settembru 2021 għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' wara nofs inhar (1330h) ġewwa Bengħajsa, limiti ta' Birżebbuġa:

1. Ittanta li ħajjar uffiċjal jew impjegat pubbliku sabiex jagħmel id-delitt imsemmi taħt l-Artikolu 115 (b) tal-Kap. P tal-Liġijiet ta' Malta billi offra flus bl-skop sabiex l-istess uffiċjal jew impjegat pubbliku jonqos milli jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel;

2. Akkużat ukoll talli fl-istess dati, lok u ċirkostanzi bħala persuna li għandha liċenzja biex iżomm jew biex ikollu f'idejh jew fuqu arma tan-nar jew munizzjoni, ma żammx fil-kustodja tiegħu l-arma u l-munizzjoni b'mod li ma jkunux jistgħu jiġu f'idejn ħaddieħor;

3. Akkużat ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi bħala detentur tal-liċenzja taħt xi disposizzjonijiet ta' dan l-Att dwar l-Armi naqas milli jħares il-pattijiet tal-liċenzja jew kellu fil-pussess jew kien iġorr xi arma tan-nar jew munizzjon mhux speċifikati fil-liċenzja maħruġa lilu;

4. Akkużat ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu arma tan-nar u/jew munizzjon barra mil-fond imsemmi fil-liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija;

5. Akkużat ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bħala pussessur ta' liċenza taħt l-artikolu 27(1)_tal-Kap 480 naqas li jħares il-kundizzjonijiet imsemmija f'dik il-liċenza;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu xibka, inklużi dawk magħrufa bħala ranja, xbieki ta' l-arja, u kull tip ta' xibka wieqfa;

7. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi bieħ, espona għall-bejħ, ġarr, kellu fil-pussess tiegħu, spara, uża, importa jew immanifattura xi skrataċ ikkargati b'xi ċomb ta' daqs iktar minn 3.3mm f'dijametru;

8. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi naqas milli jirraporta Gamiem ikkaċjat matul Settembru permezz tas-sistema telefonika tar-rappurtar tal-kaċċa jew permezz tal-mobile app tar-rappurtar tal-kaċċa.

Il-Qorti hija mitluba wkoll tordna l-konfiska tal-Corpus Delicti cioe l-armi u l-munizzjon misjuba fil-pussess ta' l-imputat kif ikkontemplat fl-Artikolu 23 tal-Kapitlu 9 kif ukoll kif ikkontemplat fl-Artikolu 56 tal-Kapitlu 480 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll mitluba li barra l-piena skond il-liġi tordna tħassir jew sospenzjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt l-Kapitlu 480 għal żmien li jidrilha xieraq din il-Qorti.

Il-Qorti mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jaqra l-akkużi u jikkonfermahom bil-ġurament[1] u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien m0000al-akkużi;

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali[2] ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali biex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami iwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

---

[1] 21 ta' April 2022.
[2] 3 ta' Marzu 2022, folio 3.

L-ewwel imputazzjoni taddebita lill-imputat ir-reat ta' tentattiv ta' korruzzjoni ta' uffiċjal pubbliku, li permezz tiegħu wieħed iħajjar lil uffiċjal pubbliku jew impjegat pubbliku iwettaq id-delitt ta' korruzzjoni. Dan hu maħsub fl-Artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali, liema dispożizzjoni legali tipotetizza l-korruzzjoni attiva jew l-egħmil ta' min jikkorrompi - jew f'dan il-każ, ta' min jipprova jikkorrompi - u trid tinqara, għall-fini tal-każ in diżamina, flimkien mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali li jipprospettaw id-delitt ta' korruzzjoni nnifsu, liema reat jissussisti meta:

"*... uffiċjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tiegħu, jitlob, jirċievi jew jaċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma jkollux jedd...*"

Hawnhekk irid jingħad li jirriżulta mill-provi prodotti, illi ż-żewġ uffiċjali tal-Pulizija, PC 967 Adrian Vella u PC 333 Ishmael Ahmed Gado irrifjutaw li jaċċettaw u fil-fatt, ma rċevewx il-flus li qed jiġi allegat li ġie offert lilhom, tant illi ma jirriżultax li huma qegħdin jiġu akkużati b'xi delitt fir-rigward. Huwa tabilħaqq, għal din ir-raġuni li l-imputat qed jiġi mixli bir-reat taħt is-subartikolu (2) tal-Artikolu 120 tal-Kodiċi Kriminali. Dan jipprovdi:-

"*Jekk l-uffiċjal jew impjegat pubbliku jew persuna oħra ma jagħmilx id-delitt, il-persuna li tittanta li tħajjar lil dan l-uffiċjal jew impjegat pubbliku jew persuna oħra biex jagħmel id-delitt teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa tliet snin.*"

Il-Qorti semgħet ix-xhieda u fliet l-atti u l-provi proċesswali u tqis li huwa konklussivament ippruvat illi l-imputat offra flus lil PC967 Adrian Vella kif ukoll lil PC 333 Ishamel Ahmed Gado, ċioe' s-somma ta' €200 kull wieħed, meta huwa kiteb fuq il-kartuna li ftit sekondi wara huwa għaddiha lill-imsemmija uffiċjali tal-Pulizija,:

"*Tridu €200 each u għandi tajr żgħir inħarbu*". Din il-kartuna ġiet sussegwentement elevata u esebita fl-atti (Dok. AV4).

Ix-xhieda taż-żewġ uffiċjali tal-Pulizija u l-filmati esebiti fl-atti[3] - liema filmati l-Qorti rathom kollha - ma jħallu ebda dubju li effettivament dak il-ħin, l-imputat ingħata d-dritt li jikkonsulta jew ikollu l-assistenza ta' avukat, iżda minflok aċċetta jew insista għal dan id-dritt jew stenna sakemm timtela d-dikjarazzjoni tar-rinunzja għal dan id-dritt, qalilhom li m'hemmx bżonn u fil-każ ikellem lill-avukat iktar tard[4]. Fil-fatt, hu deher mgħaġġel ħafna biex ifittex jidħol fid-dura biex jikteb l-offerta tal-flus fuq il-biċċa kartuna u għaddiha lil PC 33 Ishamel Ahmed Gado bil-kliem "*Tridu €200 each u għandi tajr żgħir inħarbu*" miktub fuqha, dan kollu fil-preżenza wkoll ta' nannuh u waqt illi l-*bodycams* tal-Pulizija kienu evidentement mixgħula u qegħdin jirrikordjaw[5].

Għall-Qorti hu ċar li minkejja l-fatt li l-imputat baqa' ma ffirmax id-dikjarazzjoni tar-rinunzja għad-dritt li jeżerċita d-dritt għall-assistenza jew konsultazzjoni legali[6], hu konxjament u volontarjament aġixxa b'mod li huwa kompatibbli ma' rinunzja għad-drittijiet legali tiegħu u b'mod li huwa irrikonċiljabbli ma' azzjonijiet ta' persuna li ma fehmitx dan id-dritt jew ta' persuna li wriet ir-rieda li tipprevalixxi ruħha minn dawk l-istess jeddijiet. Iżda hawnhekk irid jiġi senjalat li f'dan l-istadju **l-imputat kien għadu ma ġiex mwissi li għandu dritt iżomm is-silenzju u ma jinkriminax lilu nnifsu** u jirriżulta wkoll li sadanittant huwa kien qiegħed evidentement u espressament jitqies bħala persuna suspettata li kommettiet reati b'rabta mal-pussess ta' tajr illegali u reati oħrajn relatati mal-kaċċa. Għalkemm iż-żewġ uffiċjali tal-Pulizija xehdu li huma kienu taw din it-twissija lill-imputat, il-Qorti rat il-filmat kollu tal-*bodycam* u sa dak l-istadju ma rriskontrat l-ebda għotja ta' twissija bħal din lill-

---

[3] USB Dok. CG11 u Dok. CG12. PC 967 jinstema ċar jagħti dan id-dritt lill-imputat.
[4] Ara wkoll filmat tal-bodycam – 16:19h.
[5] Paġna 2 tax-xhieda ta' PC 967 Aidan Vella, 21 ta' April 2022 u paġna 4 tax-xhieda ta' PC 333 Ishmael Ahmed Gado, 21 ta' April 2022.
[6] Ara Dok. AV2. Fil-fatt, huwa jidher idaħħal il-karta fil-but meta din ingħatathielu, għaliex dak il-ħin kien qed jitkellem fuq il-mobile.

imputat. **Fil-fatt, kien biss wara, fil-ħin tal-16:35h, li PC967 għarrfu li dak kollu li jgħid jista' jintuża bħala prova kontrih fil-qorti.**

Madankollu, huwa wkoll evidenti illi l-azzjonijiet tal-imputat, meta kiteb l-offerta fuq il-karta, ma kienux frott ta' jew rejazzjoni għal xi mistoqsijiet li għamlulu l-uffiċjali tal-Pulizija, iżda kienu azzjonijiet spontaneji u mhux provokati, magħmulin minnu deliberatament u b'insistenza u kif ukoll mingħajr qies ta' dak li kienu qegħdin jipprovaw jispjegawlu l-uffiċċjali tal-Pulizija b'rabta mad-drittijiet tiegħu.

Dan premess, il-Qorti tqis li huwa ppruvat sodisfaċjentement illi b'din l-offerta l-imputat kien qiegħed jittenta jħajjar lil PC 967 u PC 333 iwettqu d-delitt ta' korruzzjoni bl-offerta ta' rigal ta' flus li għalih l-imsemmija uffiċjali tal-Pulizija ma kellhomx jedd, bl-iskop li ma jagħmlux dak li huma fi dmirhom li jagħmlu, ċioe' jinvestigaw, jirrapportaw u jipproċedu fil-konfront tiegħu għall-illegalitjiet riskontrati konsistenti fil-pussess illegali ta' tajr protett u minflok, iħalluh iħarrab li kienu miżmuma illegalment. Kif diġa' ngħad, din l-offerta ta' rigal l-istess uffiċjali m'aċċettawhiex.

Iżda fl-istess waqt u f'kull każ, il-Qorti tħoss li għandha tagħmel referenza għax-xhieda ta' PC 333[7]:-

"*Kienu xi l-4:20 dak il-ħin x'ħin dħalna ġod-dura, talabni biro, u fuq din il-biro kiteb fuq kartuna tridu 200 euros each għax għandi xi tajr ħażin...*"

U wkoll ix-xhieda ta' PC 967 Aiden Vella[8]:-

"*Fil-fatt hemm kollox iffilmat, qiegħed bejn 16:18 u 16:25 għax li ġara 16:18 semmejtlu l-Avukat l-ewwel darva, daħal jurini din il-karta u x'ħin urihieli erġajt semmejtlu l-avukat u 16:25 tidher anke li nagħtih il-karta jien f'idu...*"

---

[7] Xhieda tal-21 ta' April 2022.
[8] Xhieda tal-21 ta' April 2022.

Lanqas tista' twarrab ix-xhieda ta' PS 661 Christian Grech, li esebixxa fotogramm meħud mill-filmat tal-*bodycam* (Dok. CG13) biex jindika sewwasew *"d-data u l-ħin biex jinstab il-ħin li saret il-karta ... tas-Sur James Abela jgħaddiha lil PC 333*", fejn jirriżulta li l-ħin meta PC 333 jidher jagħti lura l-karta lill-imputat huwa l-ħin tal-16:20.

**Dan kollu jinsab affermat inkonfutabbilment miż-żewġ filmati esebiti li juru illi l-fatti kostituttivi tar-reat taħt l-Artikolu 120(2) tal-Kap. 9 seħħew ben tliet sigħat wara l-ħin imsemmi fiċ-ċitazzjoni bħala l-ħin tal-kommissjoni tar-reat.**

Dan ifisser illi l-ħin li fih jirrizulta li l-imputat ikkommetta r-reat addebitat fl-ewwel imputazzjoni - liema reat huwa ta' natura evidentement istantanja, ċioe' jiġi kkunsmat istantanjament - huwa għall-ħabta tal-4.30 p.m. u mhux "*għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' wara nofsinhar (1330hrs)*" kif ġie indikat fiċ-Ċitazzjoni.

Is-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa car f'dak li għandu jissemma speċifikatament fiċ-ċitazzjoni, u jipprovdi li:

"*Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw……*"

Illi fis-sentenza mogħtija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Pulizija vs John Mary Briffa**, fejn l-appellant f'dik il-kawża ġie akkużat fiċ-ċitazzjoni b'reati li allegatament seħħew "*ghall-habta tas-7.30 p.m.*" mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li seħħ "*ghall-habta tas-7.30 a.m.*", intqal hekk:-

"*L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma*

*jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta' tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara."*[9]

Illi dan l-istess prinċipju ġie riaffermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'diversi kawzi oħra, fosthom dawk fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Warren Piscopo** u **Il-Pulizija vs Rita Thuema**, it-tnejn deċiżi fid-19 ta' Ottubru 2011.

Kif ingħad, fil-każ in eżami, il-provi juru li l-imputat wettaq ir-reat ta' tenattiv ta' korruzzjoni attiva fl-4.20 p.m. u mhux "*għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' wara nofsinhar (1330hrs)*". Iżda minkejja li din id-diskrepanza ovvja bejn ir-riżultanzi tal-provi u l-ħin tar-reat kif addebitat fiċ-ċitazzjoni, ma ntalbet ebda korrezzjoni mill-Prosekuzzjoni biex il-partikolarita` tal-ħin indikata fl-imputazzjoni, li jirrizulta illi hija manifestament żbaljata, tiġi tirrifletti dak li jirrizulta b'mod evidenti mill-provi. Konformement, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni baqgħet marbuta mal-imputazzjonijiet kif impostati li, kif gia` stabbilit, jirreferu għal reat li ġie kommess "*għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' wara nofsinhar*" fit-22 ta' Settembru 2021 mingħajr ebda indikazzjoni li l-fatti addebitati setghu seħħew f'ħin iehor viċin, qabel jew wara. F'kull każ, il-Qorti tqis illi l-partikolarita` tal-ħin li ġie effettivament speċifikat fiċ-ċitazzjoni huwa wisq imbiegħed minn dak li jirriżulta mill-provi sabiex tista' tinstab ħtija abbazi tal-imputazzjoni kif imfassla.

Għaldaqstant, l-imputat ma jistax jinsab ħati tal-ewwel imputazzjoni billi din tirreferi ghal partikolarita` ta' żmien għal kollox differenti minn dak li fih seħħew l-fatti li wasslu ghall-imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

---

[9] Ara wkoll in propositu **Il-Pulizija (Spettur Nadia Lanzon) vs Rita Zammit**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' April 2005; **Il-Pulizija (Spettur Pierre Micallef Grimaud) vs Christopher Ryan et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' April 2014 u **Il-Pulizija vs Raymond Xerri**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Jannar 2017.

Wara li rat il-provi u l-atti, il-Qorti tislet is-segwenti fatti li huma relevanti għad-deċiżjoni dwar il-ħtija o meno tal-imputat għar-reati l-oħrajn li ġew addebitati lilu fiċ-Ċitazzjoni.

Il-Qorti fil-każ in diżamina sejra tagħti piż sostanzjali lir-riżultanzi tal-filmati tal-*bodycams* tal-Pulizija peress illi dawn huwa ferm utili sabiex jiġi stabbilit dak li effettivament intqal u seħħ matul it-tfittxija imwettqa mill-Pulizija u mill-uffiċjali tal-ERA għaliex juru l-fatti kif żvolġew u l-kliem preċiż li ntqal, u b'hekk jeliminaw kull dubju dwar dak li jista' ma jirriżultax b'mod univoku jew inekwivoku mix-xhieda. Dawn huma provi ammissibbli li baqgħu ma ġewx kontestati mid-difiża li ma qajmet l-ebda eċċezzjoni dwar l-ammissibbilita' tagħhom bħala prova. F'kull każ, il-Qorti ma għandha l-ebda riżerva dwar l-ammissibbilita' u l-piż probatorju li għandu jingħata lil dawn id-dokumenti għall-fini tal-evalwazzjoni tal-provi anke għaliex minn imkien ma jirriżulta li l-filmati eżebiti fl-atti proċesswali m'humiex dawk oriġinarjament reġistrati jew li dawn ġew sottopposti għal xi manipulazzjoni.

In tema tal-ammissibbilita' u valur probatorju ta' immaġini fuq *video footage* elevat minn CCTV cameras fost mezzi oħrajn, il-Blackstone jgħid hekk:-

*"... a purely mechanical generation of an image, say, by CCTV is not hearsay. This follows the common law, whereby juries may be allowed to see still photographs taken by a security camera during an armed robbery ( Dodson [1984] 1 WLR 971), or a video recording of an incident ( Fowden [1982] Crim LR 588; Grimer [1982] Crim LR 674), and they may hear a tape recording of a relevant conversation (Maqsud Ali [1966] 1 QB 688). Furthermore, just as a video recording of the commission of an offence is admissible, so also a witness who has seen the recording may give evidence of what he saw, as he is in effect in the same position as a witness with a 'direct view of the action' (Taylor v Chief Constable of Cheshire [1986] 1 WLR 1479).*" [10]

[10] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed. F15.16, pp. 2614.

Fil-kawża appena msemmija mill-Blackstone, **Taylor vs Chief Constable of Cheshire** (1986), Ralph Gibson LJ jispjega ulterjorment:-

"*Where there is a recording, a witness has the opportunity to study again and again what may be a fleeting glimpse of a short incident, and the study may affect greatly both his ability to describe what he saw and his confidence in an identification. When the film or recording is shown to the court, his evidence and the validity of his increased confidence, if he has any, can be assessed in the light of what the court itself can see'"* [11].

Mix-xhieda ta' PC 967 Aidan Vella u PC 333 Ishmael Ahmed Gado, jirriżulta illi meta huma daħlu fl-għalqa fit-22 ta' Settembru 2014 għall-ħabta tas-1.15 p.m jew 1.30 p.m, sabu f'waħda mill-guvi fl-għalqa in kwistjoni, tajr tal-ilma li wħud minnhom ma kellhomx ċurkett u oħrajn kellhom ċurkett li kien jidher ikbar milli suppost. Wara li kien għadda ammont ta' ħin, iżda qabel l-imputat wasal fuq il-post, l-imsemmija uffiċjali tal-Pulizija sabu tmien gamimiet mejtin ġewwa freezer f'waħda mill-kmamar fl-għalqa ta' Nazzareno Aquilina[12].

Imbagħad, waqt l-ispezzjoni li bdiet titwettaq għall-ħabta ta' 4.50 p.m[13] minn Stephen Azzopardi u Stanley Gatt, l-uffiċjali tal-ERA, fil-preżenza tal-uffiċjali tal-Pulizija PC 967, PC 333, PS661 kif ukoll fil-preżenza tal-imputat, instabu tmien għasafar ossia tajr tal-ilma protett f'waħda mill-guvi li hemm fil-post, liema għasafar instabu li ma kellhomx ċurkett jew kellhom ċurkett mhux ta' daqs aċċettabbli. Dawn l-għasafar, ċioe' Black Winged Stilt, tliet Wood Sand Pipers, Sand Piper komuni, Green Sand Piper, Greenshank u Dunlin[14], ġew elevati mill-pussess tal-imputat u nħarġet irċevuta (Dok. AV1). Minbarra dan, l-imsemmija uffiċjali affermaw, fil-preżenza tal-imputat,

---

[11] Ċitat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fid-29.4.2010 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Fabio Schembri**.
[12] Ara ritratt Dok. AV9.
[13] Ara xhieda ta' Stefan Azzopardi u Stanley Gatt, 30 ta' Mejju 2022.
[14] Ara ritratt Dok. AV10 u Dok. SA4

illi fil-freezer f'waħda mill-kmamar kien hemm stivati l-karkassi tat-tmien gamimiet li kienu diġa' instabu minn PC 333 u PC 967 iktar qabel[15].

Stanley Gatt ikkonferma fix-xhieda tiegħu illi seba' mill-gamimiet mejtin li nstabu fil-freezer kienu adulti u għalhekk ma jistax jingħad b'ċertezza jekk kienux inqatlu fl-istaġun tar-rebbiegħa jew fl-istaġun tal-ħarifa. Iżda in kwantu għall-eżemplari li evidentement kien ferħ għaliex ir-rix tiegħu kienu "*down feathers*", huwa xehed illi din inqatlet definittivament fil-ħarifa, ċioe' fl-istaġun magħluq. Dan meta jirriżulta illi l-istaġun għall-kaċċa għall-gamiem għalaq fil-11 ta' Settembru 2021[16].

Stefan Azzopardi kkonferma fix-xhieda tiegħu illi qabel bdiet l-ispezzjoni huwa reġa' wissa lil James Abela li kellu dritt jagħżel li jwieġeb jew ma jweġibx għad-domandi li jsirulu u kellu wkoll dritt li jikkonsulta ma' avukat qabel iwieġeb[17]. Jirriżulta mix-xhieda tal-istess PC 976 Aiden Vella kif ukoll mix-xhieda ta' PC 333 Ishamel Ahmed Gado li l-imputat fil-prezenza wkoll ta' nannuh Nazzareno Aquilina, stqarr li l-gamiem mejtin kien qabadhom hu iżda ma kienx irreġistrahom. Waqt it-tfittxija fl-imsemmija kamra, instabet ukoll xibka wieqfa u *mist net* (ranja[18]) ġewwa xi armarji, kif ukoll tliet kaxxi tal-injam li kien fihom b'kollox tlieta u ħamsin (53) skartoċċ, uħud minnhom b'ċomb oħxon li jeċċedi 3.3 millimetri[19], li kienu imqassmin skont l-għamla u l-kulur, liema oġġetti ilkoll ġew elevati[20]. Dawn l-iskrataċ ġew materjalment esebiti fl-atti proċesswali (Dok. EM3)

Jirriżulta mill-provi[21] li l-imputat għandu liċenza ġenerali li jonsob għall-għasafar kif ukoll li jikkaċċja minn fuq l-art għall-għasafar u għall-fenek salvaġġ. In kwantu għar-rappurtaġġ ta' għasafar, jirriżulta li l-imputat irrapporta biss seba' pluvieri fit-23 ta' Diċembru 2021 u xejn iktar.

---

[15] Ara Dok. SA4.
[16] Ara xhieda Nicholas Grech, 30 ta' Mejju 2022 u Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi 2021 (L.S. 549.144 Regolament 4(3))
[17] Ara wkoll xhieda ta' Stanley Gatt, 30 ta' Mejju 2022.
[18] Ara ritratt Dok. AV4.
[19] Ara ritratt Dok. AV8.
[20] Ara riċevuta Dok. AV3, folio 26.
[21] Ara xhieda Nicholas Grech. 30 ta' Mejju 2022 u Dok. NG1 u Dok. NG2.

Mill-provi huwa wkoll stabbilit illi l-imputat kellu liċenza maħruġ mill-Uffiċċju tal-Armi tal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija b'validita' bejn l-1 ta' Jannar 2022 u l-31 ta' Jannar 2022 biex iżomm l-erba' shotguns li jinsabu elenkati fid-dokument immarkat Dok. AV1 u dan ġewwa l-indirizz 15, Orchidea, Triq Dun Karm Frendo, Birzebbuga.

Ikkunsidrat;

Illi applikati l-fatti fuq stabbiliti għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tagħmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet.

Tibda biex tosserva illi għalkemm jirriżulta mill-filmati illi l-imputat ħareġ żewġ armi minn ġewwa x'imkien fir-razzett ta' nannuh, urihom liż-żewġ uffiċjali tal-Pulizija PC 333 u PC 967 u ddikjara li huma tiegħu, dawn l-armi ma ġewx identifikati u ma ġewx esebiti lanqas fl-atti tal-kawża u għalhekk il-Qorti ma għandha quddiemha ebda prova konkreta li dawn effettivament kienu armi tan-nar u lanqas li dawn l-armi ma kienux effettivament l-armi tan-nar li kellu reġistrati f'ismu l-imputat fil-liċenza Dok. AV1[22]. Lanqas ma nġiebet prova li dawn l-armi nżammu b'mod li ma jistgħux jiġu f'idejn ħaddieħor, għaliex ma jirriżultax mill-filmat jew minn xi prova oħra fejn u kif kienu qed jinżammu.  F'kull każ, jiġi osservat ukoll li fid-depożizzjoni tagħhom quddiem il-Qorti la PC 333 u lanqas PC 967 ma semmew dawn l-armi.

**Konsegwentement il-Qorti m'hijiex sejra ssib ħtija għar-reat addebitat fit-tieni imputazzjoni taħt l-Artikolu 47(1) tal-Kap. 480 in kwantu l-akkuża li ma żammx fil-kustodja tiegħu arma b'mod li ma setax jiġi f'idejn ħaddieħor, u lanqas sejra ssib ħtija għat-tielet imputazzjoni safejn l-imputat ġie mixli li ġarr arma tan-nar mhux speċifikat fil-liċenza.**

[22] PS 2021 Ashley Vella xehdet illi l-imputat kellu l-istess erba' armi reġistrati f'ismu, indikati f'Dok. AV1, anke fit-22 ta' Settembru 2021.

In kwantu għall-munizzjon, l-imputat stqarr illi huwa jħalli l-munizzjon fil-post ta' nannuh, fejn effettivament instabu l-iskrataċ. Din l-ammissjoni saret mill-imputat wara li ġie mistoqsi jekk jagħżilx li jagħti l-informazzjoni mitluba minnu u dan wara li waslu fuq il-post l-uffiċjali tal-ERA u reġa' ġie mfakkar fid-dritt li jikkonsulta ma' avukat jew ikollu avukat preżenti u rrinunzja għal dan id-dritt, kif ukoll wara li reġa' ġie mfakkar ukoll li kull ma jgħid tista' tinġieb bħala prova kontrih. Ammissjoni li saret ukoll ripetutament u bl-iktar mod inekwivoku matul it-tfittxija li twettqet minn PC 333, PC 967 u PS 661 fil-kmamar ġewwa l-għalqa, fis-sens illi l-iskrataċ kollha (fosthom l-iskrataċ li kien fihom ċomb ta' daqs iktar minn 3.3mm f'dijametru[23]) li nstabu kollha ġo kaxxi miftuħa merfugħin f'cupboards mhux imsakkrin, huma tiegħu u kien hu li refagħhom fil-cupboards in kwistjoni. L-istess ir-ranja (mist net) li wkoll instabet fl-istess cupboards waqt it-tfittxija u ġiet elevata flimkien mal-kaxxi tal-iskrataċ.

Il-provi juru abbundantement illi l-munizzjon li qed jiġi allegat li hu tal-imputat, ma kienx qed jinżamm f'post sigur għaliex fil-filmati tal-*bodycam* wieħed jista' jara kif dan seta' faċilment jiġi f'idejn ħaddieħor bħalma del resto ġie f'idejn l-uffiċjali tal-Pulizija li kienu qed iwettqu l-ispezzjoni, mingħajr il-ħtieġa tal-użu ta' ebda forza, ksur jew sgass ta' lok ta' żamma[24].

Għalkemm l-imputat ġie mixli li kellu dan il-munizzjon fil-pussess tiegħu fis-1.30 p.m. fit-22 ta' Settembru 2021, filwaqt li mill-provi jirriżulta li huwa wasal fil-proprjeta' ta' nannuh fejn kien qed jinżamm il-munizzjon, ċirka sagħtejn wara, huwa manifest mill-istqarrijiet ripetuti u inekwivoċi tal-imputat li l-munizzjon li nstab fuq il-post kien miżmum hemmhekk minnu u kien fil-pussess tiegħu u ma hemm xejn fil-provi li jdaħħal dubju f'moħħ il-Qorti li l-munizzjon ma kienx jinsab hemmhekk ukoll fis-1.30 p.m. dakinhar stess.

---

[23] Kif stabbilit mil-espert tal-Qorti PC 1525 Patrick Farrugia, xhieda tal-21 ta' Novembru 2022 u relazzjoni Dok. PF1.

[24] Uħud minn dawn l-iskrataċ ġew elevati mill-pussess tal-imputat: ara v era kopja ta' riċevuta Dok. AV3, fol. 26.

**Għalhekk l-imputat sejjer jinstab ħati tar-reat addebitat fit-tieni imputazzjoni biss safejn jirreferi għal munizzjon li ma nżammx b'mod li ma jkunx jista' jiġi f'idejn ħaddieħor.**

Iżda minkejja dan kollu, il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq il-prova tal-liċenza tal-imputat għaż-żmien imsemmi fiċ-ċitazzjoni. Dok. AV1, kif sewwa ġie sottomess mid-difiża waqt it-trattazzjoni, jirreferi għas-sena 2022 u ma jgħid xejn dwar il-kundizzjonijiet tal-liċenza kif kienet fis-seħħ fit-22 ta' Settembru 2021. Għalhekk, għalkemm PS 2021 Ashley Vella xehdet illi fit-22 ta' Settembru 2021 l-imputat kellu reġistrati f'ismu l-istess erba' armi tan-nar indikati fil-liċenza Dok. AV1, il-Qorti ma għandhiex quddiemha l-pattijiet l-oħra tal-liċenza u lanqas x'munizzjon seta' kien hemm speċifikat fil-liċenza. M'hemmx prova lanqas tal-fond imsemmi fil-liċenza bħala l-fond fejn kellhom jinżammu l-armi (li baqgħu ma ġewx identifikati mill-provi, kif ġia' ngħad) u l-munizzjon, jew x'kienu l-kundizzjonijiet tal-liċenza li l-imputat huwa mixli bin-nuqqas ta' tħaris tagħhom.

**Għaldaqstant, il-Qorti ma tistax issib ħtija fl-imputat għar-reati addebitat fit-tielet[25], ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet.**

Ikkunsidrat;

Fir-rigward tar-ranja, mertu tas-sitt imputazzjoni, filwaqt li huwa minnu li mill-provi jirriżulta illi din ir-ranja nstabet fil-pussess tal-imputat waqt l-ispezzjoni li saret fil-presenza tiegħu u l-imputat ammetta li hija tiegħu u li huwa kien qed iżommha fir-razzett ta' nannuh, il-Qorti m'hijiex konvinta illi din ix-xibka tista' tintuża biss għall-fini tal-kaċċa u li ma għandha ebda użu oħra kwalsiasi. Dan qed għaliex kif sewwa ġie sottomess mid-difiża, ir-ranja ma nstabitx fil-pussess tal-imputat waqt li kien qiegħed jonsob jew jikkaċċja, u meta nstabet, ma kienetx qiegħda tintuża mill-imputat. Kien jinkombi lill-Prosekuzzjoni l-prova illi din ir-ranja m'għandhiex użu ħlief għal skopijiet ta' kaċċa u xejn iktar, liema prova madankollu, ma nġabitx u għalhekk il-

[25] Ukoll safejn jirreferi għall-munizzjon.

Qorti ma tistax twarrab il-proviso tar-regolament 7(2) tal-L.S. 549.42 li jispeċifika li waħedha, iż-żamma tax-xibka, f'dan il-każ, mhijiex vjetata b'effett biss tar-Regolamenti għall-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (L.S. 549.42).

**Għaldaqstant, il-Qorti mhux sejra ssib ħtija fl-imputat għar-reat addebitat fis-sitt imputazzjoni taħt ir-regolament 7 tal-L.S. 549.42.**

Ikkunsidrat;

Illi mix-xhieda u mir-relazzjoni tal-espert ġudizzjarju, PC 1525 Patrick Farrugia, jirriżulta illi ċ-ċomb f'uħud mill-iskrataċ li kellu fil-pussess tiegħu l-imputat ġewwa l-fond ta' nannuh u li ġew elevati mill-pussess tiegħu[26], kien ta' daqs iktar minn 3.3 millimetri.

Għalkemm hu minnu li dawn l-iskrataċ instabu waqt spezzjoni li nżammet fit-22 ta' Settembru 2021 għall-ħabta tas-6.00 p.m., filwaqt li l-imputat ġie mixli li kkommetta r-reat msemmi fir-regolament 22 tal-L.S. 549.42 fil-ħin tas-13:30h fit-22 ta' Settembru 2021 mingħajr ebda indikazzjoni fiċ-Ċitazzjoni li dan ir-reat seta' ġie kommess fil-ħinijiet oħrajn ukoll, fl-assjem tal-provi prodotti hija leġittima l-inferenza li l-imputat, fuq ammissjoni tiegħu stess, kien fil-pussess ta', u qed iżomm, dan il-munizzjon illegali anke fil-ħin indikat fiċ-Ċitazzjoni.  Jgħoddu għalhekk l-istess konsiderazzjonjiet li saru b'rabta mal-pussess tal-munizzjon.

**Għaldaqstant, l-imputat sejjer jinstab ħati tar-reat addebitat fis-seba' imputazzjoni.**

Ikkunsidrat;

[26] Ara Dok. AV2, fol. 26 u kaxxa Dok. EM3 kontenenti numru ta' skrataċ.  L-imputat jinstema' fil-filmati tal-*bodycam* jistqarr bla tlaqliq li dan iċ-ċomb huwa tiegħu, għalkemm miżmum fir-razzett tan-nannu tiegħu: ara filmat Dok. CG11 u CG12, 18:45h.

L-imputat ammetta wkoll fil-presenza tal-uffiċjali tal-Pulizija PC 333 u PC 967 u l-uffiċjali tal-ERA u PS 661 Christian Grech, li l-gamiem mejtin li nstabu fil-freezer fir-razzett kien qatilhom huwa stess. L-imputat stqarr ukoll, dejjem fil-presenza tal-uffiċjali tal-ERA u l-uffiċjali tal-Pulizija li kienu fuq il-post, illi l-gamimiet mejtin kien qatilhom f'Settembru.

Ir-regolament 4(2) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar l-Istaġun tal-Kaċċa fil-Ħarifa għall-Gamiem) jipprovdi:-

*Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1(a) tal-Iskeda IV tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi, kwalunkwe Gamiem ikkaċċjat matul Settembru għandu jiġi rrappurtat immedjatament, permezz tas-sistema telefonika tar-rappurtar tal-kaċċa jew permezz tal-mobile app tar-rappurtar tal-kaċċa.*

Mill-provi l-Qorti fehmet illi l-imputat ma kienx irrapporta dan il-gamiem ikkaċċjat, *ex admissis*, matul Settembru permezz tas-sistema telefonika tar-rappurtar tal-kaċċa jew permezz tal-mobile app tar-rappurtar tal-kaċċa. Dak li jirriżulta hu l-imputat irrapporta biss seba' pluvieri fit-23 ta' Diċembru 2021 u xejn iktar.

Għandu jingħad illi għalkemm l-obbligu li jinkombi fuq min jikaċċja gamiem, hu li jirrapporta l-kaċċa minnufih[27], in-nuqqas ta' rapport fil-pront ma jfissirx li r-reat li jkun ġie kommess hu wieħed li ġie kkonsmat istantanjament u eżawrit hekk kif il-kaċċatur naqas milli jibgħat ir-rapport minnufih. Fil-fehma tal-Qorti, in-nuqqas kontinwat tal-kaċċatur li jibgħat ir-rapport skont kif jeħtieġ ir-regolament 4(2) tal-L.S. 549.144, ifisser li r-reat, għad illi ġie kommess u kkonsmat minnufih hekk kif seħħ dan in-nuqqas, għandu effetti kontinwati.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emanuel Spiteri**, il-Qorti tal-Appell Kriminali[28] kienet qalet hekk:

---

[27] Regolament 4(2) tal-L.S. 549.144.
[28] Imhallef Guze` Flores, deċiż 28 ta' Marzu 1960.

*Fir-reat permanenti, ghalkemm ir-reat jigi kunsmat meta jkunu realizzati l-elementi essenzjali tieghu, l-istess reat ma jigix ezawrit, imma jibqa' stat ta' konsumazzjoni sa kemm jibqa' fil-poter tal-agent li jwaqqaf, b'mod effikaci quddiem il-ligi, l-istat antiguridiku kreat bl-att inizjali posittiv jew negattiv, bhal kaz ta' sekwestru tal-persuna, pussess illegali ta' armi.*

*Hekk il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana (Repertorio, 1952, col. 2300): 'Il reato istantaneo con effetto permanente si concreta in un unico atto di volonta` seguito da una situazione antigiuridica che si protrae indipendentemente da un ulteriore atto volitivo dall'agente: mentre nel reato permanente la volonta` criminosa, perdurante oltre il primo momento consumativo del reato, puo` essere fatta cessare dalla stessa volonta` del soggetto attivo'."*

Għalhekk, għalkemm fil-każ in diżamina hu eskluż mill-provi li l-imputat ikkaċċja l-gamiem li nstab fil-freezer fit-22 ta' Settembru 2021 fis-1.30 p.m., u stabbilit li l-imputat qatt ma rrapporta li kien ikkaċċja l-gamiem, il-Qorti tqis illi r-reat hu wieħed istantanju b'effetti kontinwati u huwa immaterjali l-fatt illi l-istaġun tal-kaċċa għall-gamiem seta' kien diġa' magħluq bis-saħħa tar-regolament 4(3) tal-istess Regolamenti fiż-żmien meta dan il-gamiem ġie kaċċjat mill-imputat.

**Konsegwentement, ġaladarba fit-22 ta' Settembru 2021 l-imputat kien għadu ma rrapportax kif imiss il-gamiem ikkaċċjat, huwa għandu jinstab ħati tar-reat maħsub fir-regolament 4(2) tal-L.S. 549.144, addebitat fit-tmien imputazzjoni.**

Ikkunsidrat;

Jirriżulta mill-provi illi t-tajr ħaj li nstab fil-guvi fir-razzett waqt l-ispezzjoni, huwa tal-imputat. Hu evidenti illi l-imputat assuma ripetutament responsabbilita' tat-tajr ħaj u għażel li jurih lill-uffiċjali tal-ERA meta ġie mistoqsi jekk jagħżel li jagħtix l-informazzjoni mitluba minnu u dan wara li reġa' ġie mfakkar fid-dritt li jikkonsulta

ma' avukat jew ikollu avukat preżenti u rrinunzja għal dan id-dritt u wara li reġa' ġie mfakkar ukoll li kull ma jgħid tista' tinġieb bħala prova kontrih.

Huwa stabbilit ukoll mill-provi illi l-imputat kien fil-pussess ta' għasafar ħajjin li mhux tat-territorju Ewropew mingħajr ma kellu fil-pussess tiegħu ċertifikati li jippruvaw li l-għasfur ma ġiex akkwistat kontra r-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (L.S. 549.42). Fil-fatt mill-provi jirriżulta illi l-imputat kellu fil-pussess tiegħu iċ-ċertifikati meħtieġa biss in kwantu tnejn mill-għasafar ċioe' żewġ *cattle egrets* (*bubulcus ibis*)[29], filwaqt illi dwar l-għasafar l-oħra kollha li ġew sekwestrati mill-pussess tiegħu, jirriżulta li ma ġewx dikjarati mal-awtorita' kompetenti jew importati legalment jew altrimenti jissodisfaw il-ħtiġiet ta' xi wieħed mill-paragrafi (i) sa (iv) tar-regolament 4(1)(e) tal-L.S. 549.42. Jirriżulta wkoll illi dawn l-għasafar l-oħra, elenkati f'Dok. SA1 huma għasafar imsemmija fl-Iskeda I jew għasafar li ma jaqgħux biex jiġu regolati taħt l-Iskeda II tal-L.S. 549.42.

Dan kollu jfisser illi l-imputat ma żammx fil-pussess tiegħu u għal kull żmien li jdum fil-pussess tal-kampjun, il-permessi, ċertifikati u kull dokument ieħor li jipprovaw, għas-sodisfazzjon tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, li dak il-kampjun ma ġiex akkwistat kontra d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-L.S. 549.42.

**Konsegwentement għandha tinstab ħtija għad-disa' imputazzjoni.**

L-istess in kwantu għall-għaxar imputazzjoni fejn qed jiġi addebitat lill-imputat il-ksur tar-regolament 6(3) tal-L.S. 549.42, ċioe' li kien fil-"*pussess ta' kwalunkwe kampjun ta' għasfur, jew ta' għasfur li mhux tat-territorju Ewropew, kemm ħaj jew mejjet, jew parti minn kampjun*" mingħajr ma kellu fil-pussess tiegħu u għal kull żmien li jdum fil-pussess tal-kampjun, il-permessi, ċertifikati u kull dokument ieħor li jipprovaw, għas-sodisfazzjon tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, li dak il-kampjun ma ġiex akkwistat kontra d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

[29] Dok.SA2 u Dok. SA3.

Diġa' ġie stabbilit li l-imputat ma pproduċa ebda ċertifikat jew dokument in konnessjoni mal-importazzjoni jew akkwist leġittimu jew reġistrazzjoni tal-għasfur mal-awtoritajiet kompetenti.

**Għalhekk, l-imputat għandu jinstab ħati wkoll tal-ksur tar-regolament 6(3) fuq imsemmi.**

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena il-Qorti ħadet qies tal-fedina penali kompletament netta tal-imputat kif ukoll tal-ko-operazzjoni pjena li wera waqt l-ispezzjonijiet tal-Pulizija u l-uffiċjali tal-ERA kif del resto jirriżulta mill-filmati tal-*bodycams* tal-Pulizija. Trid tieħu in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi teżisti konkorrenza formali ta' reati u pieni bejn it-tieni u s-seba' imputazzjonijiet, kif ukoll bejn id-disa' u l-għaxar imputazzjonijiet, għaliex l-istess fatt ta lok għall-ksur ta' diversi dispożizzjonijiet tal-liġi.

**Għal dawn il-motivi filwaqt li ma ssibx lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet bin-numru wieħed, tlieta, erba', ħamsa u sitta, wara li rat l-artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 47(1) u 58(1) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-regolamenti 4(1)(e), 6(1)(a), 6(3), 22, 27(1)(2)(a), 27(3)(a) tar-Regolamenti għall-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42) u r-regolamenti 4(2) u 5 tar-Regolamenti għall-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar l-Istaġun tal-Kaċċa fil-Ħarifa għall-Gamiem) (Leġislazzjoni Sussidjarja 549.144), issib lil JAMES ABELA ħati tat-tieni, is-seba', it-tmien, id-disa' u l-għaxar imputazzjonijiet u tikkundannah multa komplessiva ta' elfejn Euro (€2,000) li għandha tiġi mħallsa fi zmien sitt (6) xhur.**

**Tordna wkoll is-sospensjoni tal-liċenza maħruġa taħt ir-Regolamenti għall-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (L.S. 549.42), tat-Taqsima XV tal-Kodiċi**

**tal-Liġijiet tal-Pulizija u għall-fini tal-Artikolu 57 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta (l-Att dwar l-Armi), u tipprojbixxi lill-ħati milli jkollu xi liċenzja taħt l-imsemmi Att, għal zmien sentejn.**

**Għall-fini tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 56 tal-Att dwar l-Armi (Kapitolu 480) kif ukoll ir-regolament 27(3)(a) tar-Regolamenti għall-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (L.S. 549.42) tordna l-konfiska tal-*corpus delicti*, ċioe' l-munizzjon u skrataċ (Dok. EM3 – esebit numru KA411/2022).**

**Billi l-*corpus delicti* konsistenti fl-għasafar mizmumin mill-ħati bi ksur tar-regolamenti 4(1)(e) u 6(1)(a) tar-Regolamenti għall-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (L.S. 549.42) u r-regolament 6(3) tar-Regolamenti għall-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar l-Istaġun tal-Kaċċa fil-Ħarifa għall-Gamiem) (Leġislazzjoni Sussidjarja 549.144), ma ġewx esebiti, lanqas formalment, fl-atti proċesswali, ma tistax tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni għall-konfiska ta' dan il-*corpus delicti* taħt l-Artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali u l-Artikoli 27(2)(a) u 27(3) tar-Regolamenti għall-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (L.S. 549.42).**

**Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-ħati jħallas lir-Reġistratur tal-Qorti, is-somma ta' sebgħin Euro u sitta u tmenin ċentezmu (€70.86) rappreżentanti l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti f'dawn il-proċeduri[30].**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

---

[30] Dok. PF1 – Relazzjoni ta' PC 1525 Patrick Farrugia.